**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 1044/2023 CFF**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Jesmond Bugeja**

**Illum 20 ta' Diċembru 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Jesmond Bugeja ta' sebgħa u ħamsin (57) sena, iben Alfred Bugeja u Doris xebba Ellul li twieled ġewwa l-Pieta' nhar il-15/09/1966, residenti fil-fond bin-numru 67, Red Rose, Triq il-Folklor, Birżebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita' 0393766M;

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) minn ġewwa l-istabbiliment 'Rebel Sport', fi Triq tat-Teatru l-Antik, il-Belt Valletta, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-

valur liema valur jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-dannu ta' Jason Galea u/jew l-istabbiliment 'Rebel Sport' u/jew il-propjetarji tiegħu u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

2. Nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) minn ġewwa 'The Capital Boutique Hotel', 48, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti u flus kontanti għad-dannu ta' Miguel Esteban Pumarejo Berardinelli u/jew persuni oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

3. Nhar it-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) minn ġewwa l-istabbiliment 'Da Pablo Restaurant', Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Maria Carriero u/jew l-istabbiliment 'Da Pablo Restaurant' u/jew il-propjetarji tiegħu u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

4. Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni oħra ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħabs, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat li l-Uffiċjali Prosekuturi qraw u ikkonfermaw bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata l-4 ta' Diċembru 2023.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioè dikjarazzjoni għar-rifjut tal-jedd tal-parir legali, stqarrija, fedina penali, estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, u tlett rapporti tal-pulizija;

Semgħet l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u kif reġistrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta. Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi miġjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-fedina penali ta' l-imputat u jirriżulta li l-imputat għandu karattru refrettarju u ngħata diversi opportunitajiet matul is-snin biex ikun jista' jirriforma ruħu, iżda huwa qatt sfrutta dawn l-opportunitajiet mogħtija lilu. Għalhekk il-Qorti m'għandiex triq oħra għajr li tagħti piena ta' priġunerija effettiva.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 49, 261(c). 267, 279(a), 284, 285 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat Jesmond Bugeja ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal tlett (3) snin priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel bħala arrest preventiv.**

**Inoltrè a tenur tal-Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-imputat jagħmel kumpens lil Jason Galea jew Rebel Sport ta' dak dovut minnu u cioe l-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1500).**

**Dan l-Ordni jista' jiġi infurzat bl-istess mod bħal li kieku dan ingħata f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u Jason Galea jew Rebel Sport.**

**Ġaladarba f' dan il-proċediment ma kien hemm l-ebda espert nominat, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**